MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru. 687/2006

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR JOHANN J. FENECH)**

**vs**

**PHILIP MARIO CHIRCOP**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Philip Chircop iben il-mejjet Publius u Doreen nee' Abela imwieled Pieta' fit-13 ta' Mejju 1977 u

residenti 26 B, Triq l-Ajkla, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 134578(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-16 ta' Lulju ghall-habta ta' 13:00hrs gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga:

1. Ikkommetta serq ta' flus, dokumenti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-Lm50 izda li ma jaccedix il-Lm100 ghad-detriment ta' Jasmine Camilleri minn B' Buga;

2. Xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa jew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat jew xjentement b' kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Sar recidiv b' sentenza tal-Qorti Kriminali ta' Malta li nghatat fl-14 ta' Frar 2006 mill-Magistrat Dr. A Vella.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Lulju 2006 (inserit a folio 25 tal-process) sabiex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja.

Rat li waqt is-seduta tat-18 ta' April 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fis-seduta tat-18 ta' April 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri, il-psikjatra kuranti tal-imputat, jirrizulta li l-imputat ghandu problema mill-abbuz tad-droga u ibaghti minn stat depressiv kemm minhabba din il-problema kif ukoll minhabba problemi familjari li Dr. Spiteri jiddefinixxi bhala pjetuzi, u ghalhekk nonostante li l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva u dan minhabba l-fedina penali voluminuza tal-imputat, qed jigi rakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat ikompli l-programm kontra l-abbuz tad-droga li qed jaghmel prezentement.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 284, 285, 49, 50 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta tiddikjara li qed issib il-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi kif minnu ammessi u tikkundannah ghal prigunerija ta' sitt (6) xhur b'effett millum mil-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz. L-imputat qed jigi liberat mit-tieni akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni, stante li una volta li jirrizulta s-serq ma tistax ukoll tirrizulta r-ricettazzjoni.

In vista tar-rakkomandazzjoni maghmula aktar 'il fuq, il-Qorti qed tordna li d-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jigi notifikat b'kopja ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------